REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/709

tas-6 ta' Mejju 2022

li jirrifjuta l-awtorizzazzjoni ta' indikazzjoni dwar is-saħħa fuq l-ikel u li jirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel huma pprojbiti sakemm ma jkunux awtorizzati mill-Kummissjoni f'konformità ma' dak ir-Regolament u sakemm ma jkunux inklużi f'lista ta' indikazzjonijiet permessi.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jipprevedi wkoll li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa jistgħu jiġu ppreżentati mill-operaturi tan-negozju tal-ikel lill-awtorità kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru. L-awtorità kompetenti nazzjonali mbagħad tibgħat l-applikazzjonijiet validi lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità").

(3) Meta tirċievi applikazzjoni, l-Awtorità tinforma mingħajr dewmien lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar dan, u tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-indikazzjoni dwar is-saħħa kkonċernata.

(4) Il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa filwaqt li tikkunsidra l-opinjoni tal-Awtorità.

(5) Wara applikazzjoni mingħand H.J. Heinz Supply Chain Europe BV, ippreżentata skont il-punt (b) tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ntalbet tagħti opinjoni dwar indikazzjoni dwar is-saħħa marbuta ma' Nutrimune u d-difiża immunitarja kontra patoġeni fil-passaġġi gastrointestinali u respiratorji ta' fuq (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2018-00727). L-indikazzjoni proposta mill-applikant tgħid dan li ġej: "Nutrimune jappoġġa s-sistema immunitarja bid-difiża kontra patoġeni fil-passaġġi gastrointestinali u respiratorji ta' fuq tat-tfal żgħar".

(6) Fil-15 ta' April 2019, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċevew l-opinjoni xjentifika tal-Awtorità ([2]) li kkonkludiet li, abbażi tad-*data* ppreżentata, l-evidenza xjentifika mhix biżżejjed biex tiġi stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum ta' Nutrimune, ħalib tal-baqra xkumat, pasturizzat u ffermentat bil-*Lactobacillus paracasei* CBA L74, u d-difiża immunitarja kontra patoġeni fil-passaġġ gastrointestinali u respiratorji ta' fuq tat-tfal żgħar. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, jenħtieġ li din ma tiġix awtorizzata.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-indikazzjoni dwar is-saħħa elenkata fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi inkluża fil-lista tal-Unjoni ta' indikazzjonijiet permessi kif previst fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

([1]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.
([2]) *EFSA Journal* 2019;17(4):5656.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Indikazzjoni dwar is-saħħa rifjutata

Applikazzjoni – Id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006	Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija tal-ikel	Indikazzjoni	Referenza tal-opinjoni tal-EFSA
Indikazzjoni dwar is-saħħa tal-Artikolu 14(1)(b) li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal	Nutrimune (ħalib tal-baqra xkumat, pasturizzat u ffermentat bil-*Lactobacillus paracasei* CBA L74)	Nutrimune jappoġġa s-sistema immunitarja bid-difiża kontra patoġeni fil-passaġġi gastrointestinali u respiratorji ta' fuq tat-tfal żgħar	Q-2018-00727